MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 634/1999/1

**Alfio Borg**

**v.**

**Fogg Insurance Limited, u b'digriet tat-12 ta' Novembru 1999, u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc**

**[recte: Alfio Borg**

**v**

**Fogg Insurance Agencies Limited u, b'digriet tat-12 ta' Novembru 1999, din in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc]**

**Il-Qorti:**

**<u>I IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Fis-16 ta’ Marzu 1999, Alfio Borg (l-attur/l-appellant) intavola att ta- citazzjoni kontra s-socjeta` assikuratrici Fogg Insurance Agencies Limited nomine (is-socjeta` konvenuta/appellata) li bih, in succint, talab li jithallas is-somma ta’ tlett elef u hames mitluba (LM3,500) jew ammont verjuri in rizarciment ta’ danni dovuti in forza ta’ polza *third party fire and theft* wara li avvera ruhu r-riskju li kontra tieghu kienet assigurata il-vettura Nru. SUZ-410 bl-imsemmija polza.

2. Fost eccezzjonijiet ohra, is-socjeta` konvenuta eccepiet (ara fol. 42 tal-process) li kien hemm nuqqas ta’ interess guridiku da parti ta’ l-attur li jistitwixxi l-kawza billi rrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza li huwa mhuwiex is-sid tal-vettura in kwistjoni.

3. Ic-citazzjoni msemmija giet prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Dik il-Qorti ppronunzjat is-sentenza taghha fis-27 ta’ Mejju 2002, li biha laqghet l-imsemmija eccezzjoni tal-karenza ta’ interess guridiku ta’ l-attur u konsegwentement illiberat lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur. Is-sentenza in kwistjoni taqra hekk:
“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Marzu 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li huwa registered owner tal-karozza Suzuki bin-numru ta' egistrazzjoni SUZ-410, assikura l-imsemmija vettura mas-socjeta' konvenuta - Third Partu Fire and Theft Cover; illi l-imsemmija karozza fit-22 ta' Lulju 1998 garrbet hsarat estensivi f'incendju li gara fi triq Villambrosa, Hamrun u hija 'total loss' u giet 'scrapped'; illi din il-vettura kienet assikurata ghal valur ta' LM3,500; izda s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont kollu u tippretendi li ghanhda thallas biss LM1,500 u dan wara li ftit ta' zmien ilu kienet lesta li thallas LM2,500 izda l-attur ma accettax ghax il-vettura hija assikurata ghas-somma ta' LM3,500.Il-karozza giet mixtrija bil-prezz ta' LM3,950; l-

istess socjeta' konvenuta, wara li saret il-'claim' baghtet lill-istanti 'renewal notice' fejn regghet affermat li l-valur tal-karozza kien ta' LM3,500; illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija obbligata tirrisarcixxi lill-attur is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (LM3,500) jew ammont verjuri in forza ta' polza Third Party Fire and Theft, wara li avvera ruhu r-riskju li kontra tieghu kienet assikurata l-vettura numru SUZ-410;

2. tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' LM3,500 jew ammont verjuri skond polza ta' assikurazzjoni numru 041154.

“Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

“Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-7 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi s-socjeta' eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna, stante illi ma gietx indikata fil-kwalita' taghha ta' agent tas-socjeta' estera Avon Insurance plc, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Isegwi li s-socjeta' konvenuta mhux obbligata illi taghmel l-ebda hlasijiet lill-attur u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

3. Illi l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat u eccessiv, u dan stante illi l-vettura in kwistjoni kienet tiswa ferm inqas minn dan l-ammont hekk mitlub, kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u s-socjeta' konvenuta tista tigi talvolta kkundannata biss thallas il-valur reali tal-vettura in kwistjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

“Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Gunju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza ghas-seduta tat-12 ta' Novembru 1999.

“Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 1999 meta giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri.

“Rat in-nota tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited tal-20 ta' Marzu 2000 li regghet tat l-istess eccezzjoni fil-mertu.

“Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April 2001 meta giet michuda t-talba ta' John Farrugia biex jintervjeni "*in statu et terminis*".

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta presentata fl-20 ta' April 2001 a termini ta' l-artikolu 158(11) tal-Kap 12, meta eccepiet:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante n-nuqqas ta' interess guridiku da parti ta' l-istess attur, peress illi rrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza illi l-attur mhux is-sid tal-vettura in kwistjoni.

*2.* Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante d-dikjarazzjoni nveritjera u frawdolenti maghmula minnu fil-proposal form antecedenti ghall-polza ta' assikurazzjoni relattiva, bi vjolazzjoni tal-principju ta' *uberrimae fides* b'dana illi l-polza ta' assikuarazzjoni in kwistjoni hija nulla u bla ebda effett skond il-ligi u ghalhekk ma tistax tifforma l-bazi tat-talbiet attrici.

“Hadet konjizzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-attur.

“Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni.

“Ikkunsidrat:-

“L-attur f'dawn il-proceduri qed jagixxi kontra s-socjeta' konvenuta, qua socjeta' assikuratrici tal-vettura numru SUZ-410, ghar-risarciment tad-danni allegatament minnu sofferti fl-imsemmija vettura bhala rizultat ta' hruq fl-istess vettura.

“L-attur eppremetta fic-citazzjoni li huwa r-"*registered owner"* tal-imsemmija vettura u bhala tali kien qed jippretendendi li d-danni jigu mhallsa lilu. Izda waqt is-smiegh tal-kawza rrizulta li l-attur mhux sid il-vettura izda biss kien il-persuna li giet indikata bhala tali fil-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta. In effetti sid il-vettura huwa certu John Farrugia li jirrizulta li xtara l-istess karozza minghand certu Colin Falzon versu l-prezz ta' LM2850. L-istess Farrugia meta gie mressaq bhala xhud kkonferma dan billi nsista li l-vettura kienet tieghu.

“Issa apparti kull relazzjoni li hemm bejn l-attur u John Farrugia, u apparti l-validita' tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, certament d-dritt ta' rizarciment tad-danni jispetta lill-sid il-vettura li, bhala rizultat tal-incident, jkun bata t-telf. L-attur ma jistax jippretendi li huwa bata xi telf bhala rizultat ta' dan il-hruq billi huwa ma hareg xejn ghall-akkwist tal-vettura u lanqas ma jirrizulta li din il-vettura b'xi mod kienet giet moghtija lilu b'mod li jista' jghid li kien huwa li bata' bhala rizultat tal-incident tal-hruq. Konsegwentement l-attur ma ghandux dak l-interess guridiku mehtieg biex jistitwixxi dawn il-proceduri.

“Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-karenza tal-interess guridiku ta' l-attur u konsegwentement tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur.”

## II L-APPELL

4. L-attur hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk intavola appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fil-5 ta' Gunju, 2002. L-aggravju principali prospettat mill-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament legalment u fattwalment skorrett in materja ta' *ownership* tal-vettura in kwistjoni. Biex isahhah din it-tezi tieghu, l-appellant esebixxa bhala dokument TA1, dokument imsejjah **Trasferiment – Sid Gdid** li jinsab a fol. 79 tal-process. Dan id-dokument, rilaxxjat mil-Licensing and Testing Department, huwa datat 16 ta' Gunju 1998, u gie awtentikat bhala kopja vera ta' l-original mill-istess Dipartiment fit-3 ta' Gunju, 2002. L-appellant qieghed isostni li dan id-dokument juri li s-sid il-gdid tal-karozza in kwistjoni, ghall-finijiet kollha tal-ligi, huwa l-attur Alfio Borg.

5. Wara li l-appellant kompla jispjega l-aggravju tieghu fir-rikors ta' l-appell tieghu, huwa talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li l-attur ghandu interess guridiku mehtieg u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza.

6. Is-socjeta` konvenuta kkontestat l-appell permezz ta' risposta pprezentata fit-3 ta' Lulju, 2002. Is-socjeta` appellata fl-ewwel lok ikkontestat l-ammissibilita` ta' l-esebizzjoni da parti ta' l-appellant tad-dokument TA1 f'dan l-istadju tal-proceduri. Inoltre hija wiegbet dettaljatament ghall-aggravji migjuba 'l quddiem mill-appellant u talbet ghalhekk li l-appell jigi michud u li s-sentenza appellata tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Jirrizulta li l-karozza in kwistjoni giet assigurata mas-socjeta` konvenuta, wara li din giet mixtrija f'Mejju 1998, minghand certu Colin Falzon. Jirrizulta li l-flus ghax-xiri ta' din il-karozza nhargu minn John Farrugia, li jigi z-ziju ta' l-attur appellant. Jirrizulta li nxtrat *second hand* ghall-prezz ta' elfejn tmien mija u hamsin lira (LM2,850) (ara d-deposizzjoni ta' John Farrugia a fol. 31 tal-process). Sussegwentment giet inxurjatha mas-socjeta` konvenuta

taht polza li kienet tkopriha ghar-riskji dovuti minn terzi persuni kif ukoll ghal hruq u serq. Jirrizulta wkoll li l-*Proposal Form,* li parti minnha tinsab esebita a fol. 60 tal-process, saret mill-attur appellant u huwa indika ruhu bhala s-sid tal-vettura, b'dana pero` li l-karozza setghet tinstaq minn *any authorised driver over 25 years with more than one year driving experience*. Irrizulta li l-vettura kienet tintuza mill-imsemmi John Farrugia u li din hadet in-nar fit-22 ta' Lulju 1998, meta kienet ipparkjata wara l-bieb tar-residenza tieghu. In-nar li hakimha ddistrugga l-karozza kompletament u effittivament wara giet *scrapped*. Il-kawza saret ghaliex il-kontendenti ma qablux bejniethom dwar il-quantum tar-rizarciment. Is-socjeta` konvenuta riedet tirrizarcixxi l-hsara billi thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira (LM1,500), mentri l-kontro-parti ppretendiet rizarciment tal-valur kollu li ghalih giet assigurata l-vettura cioe` s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500). Effettivament, l-attur, li allega li huwa s-sid registrat skond il-ligi tal-vettura in kwistjoni, qed jitlob li jigi rizarcit il-*pre-accident value* ta' l-istess karozza li huwa precizament l-imsemmija somma ta' tlett elef u hames mitt lira (LM3,500), jew ammont verjuri li l-attur jallega hu dovut skond il-polza ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni.

8. Il-kwistjoni principali li kienet dibattuta quddiem l-ewwel Qorti qabel din tat is-sentenza taghha u li issa qeghda tigi appellata, kienet tirrigwarda l-kwistjoni ta' min kien is-sid tal-vettura meritu tal-kawza. Kemm l-attur u kemm zijuh John Farrugia xehdu skjettament quddiem l-ewwel Qorti u dan wassal biex is-socjeta` konvenuta tat eccezzjoni ulterjuri li biha ressqet il-pregudizzjali illi l-attur odjern ma kellux id-debitu interess guridiku biex jaghmel din il-kawza ghaliex huwa ma kienx is-sid tal-karozza in kwistjoni. Kif rajna, l-ewwel Qorti ddecidiet li in effetti sid il-vettura kien l-istess John Farrugia, li kienet <u>din</u> il-persuna li soffriet it-telf u allura hija l-istess persuna li lilha kien jispetta r-rizarciment tad-danni ghall-hsara li l-vettura ssubiet bhala rizultat tal-hruq taghha. L-ewwel Qorti ziedet tghid li l-attur ma bata xejn bhala rizultat ta' l-imsemmi hruq billi huwa ma hareg xejn ghall-akkwist tal-vettura. Qalet ukoll li lanqas ma jirrizulta li din il-vettura b'xi mod kienet giet

moghtija lilu b’mod li huwa jista’ jghid li huwa kien li bata hsara bhala rizultat ta’ l-incident in kwistjoni. Ghalhekk l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni in kwistjoni tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement lliberatha mill-osservanza tal-gudizzju.

9. <u>A bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti</u>, din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza appellata waslet ghal soluzzjoni legalment korretta tal-kwistjoni. Infatti mid-dokument RM1 a fol. 57 esebit mis-socjeta` konvenuta, li huwa dokument ta’ registrazzjoni ta’ vettura, kien jirrizulta li s-sid registrat, cioe` r-*registered owner* tal-vettura kien l-imsemmi Colin Falzon u dan it-titolu ta’ registrazzjoni kien validu sa l-ahhar ta’ Lulju, 1998. Imbaghad id-dokument RM2 a fol. 58 tal-process jindika, *inter alia*, li l-karozza kienet giet mibjugha minn Colin Falzon lil John Farrugia.

10. Madankollu, l-kawza hadet zvolta ohra fil-mori ta’ l-appell, ghaliex, flimkien mar-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant ipprezenta l-imsemmi dokument TA1 li jinsab a fol. 79 tal-process. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-attur Alfio Borg gie registrat bhala s-sid il-gdid tal-vettura in kwistjoni mal-Licensing and Testing Department relattivament ghall-bejgh tal-vettura in kwistjoni li sar fil-15 ta’ Mejju, 1998. Kopja vera ta’ l-original ta’ dan id-dokument giet mahruga fit-3 ta’ Gunju 2002 minn dan id-dipartiment taht il-firma ta’ Brian Farrugia. Id-data originali ta’ dan id-dokument hija 16 ta’ Gunju 1998. L-appellant qieghed isostni li dan id-dokument juri minghajr l-ebda ombra ta’ dubju li s-sid il-gdid tal-vettura ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ma huwa hadd hlief l-attur Alfio Borg. Ighid li dan id-dokument ufficjali jiddetermina darba ghal dejjem il-kwistjoni dwar il-proprjeta` tal-vettura meritu tal-kawza. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti kkonkludiet erronjament illi “in effetti sid il-vettura huwa certu John Farrugia li jirrizulta li xtara l-istess karozza minghand certu Colin Falzon.” L-appellant issottmetta li ghalkemm id-dokument li gie esebit mar-rikors ta’ l-appell ma kienx quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, madanakollu r-ragjonament ta’ l-ewwel Qorti ma kienx konformi mal-ligi in materja ghaliex il-ligi tirrikjedi li l-*ownership* tkun determinata in bazi ghal dak li jkun indikat bhala

*registered owner* ma' l-imsemmi dipartiment. L-appellant zied jghid li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta qalet li huwa ma sofra ebda danni minhabba l-incident in kwistjoni. Huwa sahaq illi ghalkemm il-karozza kienet mixtrija minn zijuh pero` dan taha lilu u zied jghid ukoll li l-karozza tghajjat lilu ghax giet licenzjata fuqu. L-appellant zied jghid li kieku ghall-grazzja ta' l-argument il-kawza giet ipprezentata minn John Farrugia, it-talba tieghu ma setghetx tregi ghaliex huwa, cioe` John Farrugia, ma kienx ir-*registered owner* taghha ghaliex il-licenzja tal-vettura tinsab fuq isem Alfio Borg u ghaliex ic-certifikat ta' l-assigurazzjoni tal-vettura jinsab ukoll similment fuq Alfio Borg. Ghalhekk ebda Qorti ma tista' takkorda lil John Farrugia hlas tad-danni meta ma huwiex is-sid rikonoxxut mil-ligi u mhux il-persuna assigurata.

11. Fl-ewwel lok is-socjeta` appellata qeghda tikkontesta l-appell billi ssostni li d-dokument ipprezentat mar-rikors ta' l-appell ta' l-appellant ma kienx jifforma parti mill-atti processwali tal-kaz quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk apparti kull konsiderazzjoni ohra dwar l-import u l-validita` o meno ta' l-imsemmi dokument ghall-finijiet tal-kaz *de quo*, l-introduzzjoni tieghu fl-istadju ta' appell sar irritwalment ghaliex gie esebit bi ksur palesi tad-disposizzjonijiet tal-ligi u konsegwentement hemm lok ghall-isfilz tieghu mill-atti processwali.

12. Din il-kwistjoni legali sollevata mis-socjeta` appellata trid tigi determinata fid-dawl ta' l-Artikolu 145 u 150 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12. L-Artikolu 145 jiddisponi, *inter alia*, li mar-rikors ta' l-appell ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet kontenuti fl-istess appell. Ghalhekk, huwa ovvju li l-legislatur, stranament, jippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti godda mar-rikors ta' l-appell. Imbaghad, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 150 ta' l-istess Kodici jiskattaw espressament <u>meta dokument ma jigix ipprezentat kif stabbilit fl-Artikolu 145 ta' l-istess Kodici</u>. Fi kliem iehor, l-Artikolu 150 jistabilixxi c-cirkostanzi meta jistghu jingiebu d-dokumenti fl-istadju ta' l-appell, pero` dana meta l-istess dokumenti ma jkunux gew ipprezentati flimkien mar-rikors ta' l-appell. Isegwi ghalhekk li d-

disposizzjonijiet kontenuti fl-imsemmi Artikolu 150 ma japplikawx ghall-kaz odjern in vista tal-fatt li d-dokument li qed jigi kkontestat mis-socjeta` appellata kien gie pprezentat mill-appellant flimkien mar-rikors ta' l-appell tieghu. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qeghda ssostni s-socjeta` appellata f'din il-kawza, id-dokument in kwistjoni huwa ammissibbli skond il-ligi, u dan aktar u aktar peress li fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hi tal-fehma li jikkonkorru c-cirkostanzi ravvizati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 150 tal-Kap. 12. Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta` appellata li l-istess dokument jigi stultifikat bl-isfilz mill-atti tal-kawza ma hijiex sostenibbli.

13. Is-socjeta` appellata qeghda tikkontesta mhux biss il-validita` tad-dokument esebit mar-rikors ta' l-appell izda anke l-import tieghu. Hija qeghda ssostni illi dak id-dokument xorta ma jistax iservi biex jiggustifika t-tabiet attrici u jwassal ghall-akkoljiment taghhom specjalment in vista tal-fatt li l-istess dokument ghandu jigi valutat fid-dawl tad-dikjarazzjoni kontenuta fid-dokument RM1 [recte: RM2] li kien gie esebit mis-socjeta` appellata quddiem l-ewwel Qorti. Is-socjeta` appellata tghid illi dan l-ahhar imsemmi dokument jindika b'mod inekwivoku illi l-vettura *de quo* kienet definittivament giet mibjugha minn Colin Falzon lil John Farrugia. Is-socjeta` appellata tghid illi f'dik id-dikjarazzjoni firmata minn dawn iz-zewg persuni u li hija datata 6 ta' Mejju 1999, ma saret ebda referenza ghall-allegat trasferiment tal-vettura *de quo* mill-imsemmi John Farrugia lill-appellanti Alfio Borg. Is-socjeta` appellata sostniet ukoll li l-kuncett tas-sid registrat huwa ghal kollox distint minn dak tas-sid *de facto* li huwa l-kuncett li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwistjoni ta' l-interess guridiku ta' l-appellanti f'dan il-kaz fejn qieghed jintalab ir-rizarciment tal-valur tal-vettura meritu tal-kawza.

14. Din il-Qorti ma tistax tinjora jew semplicement tiskarta l-prova gdida li l-appellant ressaq f'dan l-istadju ta' l-appell, kif is-socjeta` appellata qeghda tipproponilha li taghmel. Din il-Qorti ma tistax taghmel hekk ghar-raguni li l-prova gdida hija ammissibli skond l-imsemmi Artikolu 145 tal-Kap. 12 u barra minn dan jidher mid-daqqa t'ghajn

li d-dokument esebit mar-rikors ta' l-appell ghandu certu valur probatorju li jista' jimpingi direttament fuq il-meritu proprju tal-kawza, cioe` fuq it-talba ghar-risarciment.

15. Mill-banda l-ohra, il-Qorti tapprezza li l-kwsitjonijiet li s-socjeta` appellata qeghda tqanqal issa, jimmeritaw li jigu investigati sewwa u ghal bzonn li jigu kjarifikati bi provi godda li l-istess socjeta` appellata tista' thoss il-bzonn li titlob li tirriproduci. Dan l-ezercizzju hemm lok li jsir mill-Qorti ta' l-ewwel istanza.

16. Evidentement l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex okkazzjoni li tidhol f'dawn il-kwistjonijiet li qeghdin jitqanqlu issa mis-socjeta` appellata, u li necessarjament kellhom jitqanqlu minnha f'dan l-istadju in vista tal-prova gdida mressqa mill-appellant fl-istadju ta' l-appell. Il-kwistjonijiet sollevati mis-socjeta` appellata dwar il-validita` o meno ta' l-imsemmi dokument kif ukoll dwar l-import u s-sinifikat tieghu, mhux opportun li jigu decizi minn din il-Qorti f'dan l-istadju ghar-raguni li diga` ssemmiet billi jista' jaghti l-kaz li jkunu mehtiega provi sussidjarji biex il-kwistjoni tigi ezaminata sewwa u tigi deciza korrettement. Dan japplika mhux biss ghall-kwistjonijiet fattwali izda wkoll ghall-kwistjoni legali li hija pprospettata fir-risposa ta' l-appell tas-socjeta` appellata.

17. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex triq ohra hlief li tirrevoka s-sentenza appellata – u dan ghar-raguni biss li hi tal-fehma li l-attur appellant ghandu prima facie interess guridiku li jipproponi l-kawza – u thalli l-istess kwistjonijiet li jissemmew fil-paragrafu precedenti impregudikati biex jigu investigati u decizi mill-ewwel Onorabbli Qorti, biex b'hekk ukoll ikun salvagwardat id-dritt ghad-*doppio esame* spettanti lil kull parti f'din il-kawza.

18. Din il-Qorti hija sodisfatta li ma ntweriet l-ebda raguni valida ghaliex l-imsemmi dokument TA1 ma giex esebit quddiem l-ewwel Qorti, izda kellu jigi biss esebit fl-istadju ta' l-appell. Dan kien nuqqas lampanti u ngustifikat ta' l-attur, li pero` gie sanat b'applikazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 145 tal-Kap. 12. Madanakollu, jkun gust li jkun

hemm temperament ta’ l-ispejjez, billi l-istess spejjez konnessi mas-sentenza appellata kif ukoll ma’ l-odjerna sentenza ta’ din il-Qorti gew kawzati inutilment mill-appellant u allura ghandu jbatihom kollha kemm huma l-istess appellant.

19. Ghal dawn il-motivi u fis-sens biss premess, tilqa’ l-appell u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata biex b’hekk tqieghed lill-partijiet fl-istess posizzjoni li kienu fiha qabel l-ewwel Qorti ddifferiet l-kawza ghas-sentenza, u b’mod li dik il-Qorti tkun f’posizzjoni li tkompli tisma’ u tiddetermina l-kaz skond il-ligi; u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni kif inghad. L-ispejjez kollha konnessi mas-sentenza appellata kif ukoll ma’ l-odjerna sentenza ta’ din il-Qorti ghandhom jigu kollha sopportati mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------